

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 56/2012**tat-23 ta' Jannar 2012****li jemenda r-Regolament (UE) Nru 961/2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/35/PESK tat-23 ta' Jannar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran ⁽²⁾ li jikkonferma l-miżuri restrittivi meħuda sa mill-2007 u li jipprevedi miżuri restrittivi addizzjonali kontra l-Iran sabiex jikkonforma mar-Riżoluzzjoni 1929 (2010) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU u l-miżuri ta' akkumpanjament kif mitluba mill-Kunsill Ewropew fid-Dikjarazzjoni tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2010.
- (2) Dawn il-miżuri restrittivi jinkludu l-iffriżar tal-assi ta' ċerti persuni u entitajiet.
- (3) Fit-23 ta' Jannar 2012 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2012/35/PESK li biha żied istituzzjonijiet finanzjarji mal-lista ta' persuni jew entitajiet milquta, li fir-rigward tagħhom kienu previsti derogi speċifiċi li jikkonċernaw il-finanzjament tal-kummerċ.
- (4) Uħud minn dawk il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u għalhekk hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu implimentati, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha.
- (5) Huwa għalhekk neċessarju li jiġi emendat ir-Regolament (UE) Nru 961/2010, sabiex jiġu inkorporati id-derogi msemmija hawn fuq.
- (6) Sabiex ikun żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan tal-aħħar għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu,

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 961/2010 huwa emendat kif ġej: Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 19a

1. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 16 ma għandhomx japplikaw għal:

- (a) (i) trasferiment mill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew permezz tiegħu, ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi rċevuti u ffriżati wara d-data tan-nomina tagħha, jew
- (ii) trasferiment lill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew permezz tiegħu, ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi fejn it-trasferiment hu relatat ma' pagament minn persuna jew entità mhux elenkata fl-Anness VII jew VIII dovut b'rabta ma' kuntratt kummerċjali speċifiku,

dment li l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti tkun iddeterminat, abbażi ta' każ b'każ, li l-pagament ma tirċevihx, direttament jew indirettament, kwalunkwe persuna jew entità elenkata fl-Anness VII jew VIII; jew

- (b) trasferiment magħmul mill-Bank Ċentrali tal-Iran, jew permezz tiegħu, ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi sabiex tipprovdi lill-istituzzjonijiet finanzjarji fil-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri bil-likwidità għall-finanzjament tal-kummerċ, dment li t-trasferiment ikun ġie awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti.

2. Il-projbizzjonijiet fl-Artikolu 16 ma għandhomx jipprojbixxu lill-Bank Tejarat, għal perijodu ta' xahrejn, mid-data li fiha ġie nominat, milli jagħmel ħlas minn fondi u riżorsi ekonomiċi riċevuti u ffriżati wara d-data tan-nomina tiegħu jew milli jirċievi ħlas wara d-data tan-nomina tiegħu, sakemm:

- (a) tali ħlas huwa dovut b'rabta ma' kuntratt speċifiku ta' kummerċ; u
- (b) l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rilevanti tkun iddeterminat abbażi ta' każ b'każ li l-ħlas mhuwiex se jiġi riċevut, direttament jew indirettament, minn persuna jew entità elenkata fl-Anness VII u l-Anness VIII."

⁽¹⁾ Ara paġna 22 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU L 281, 27.10.2010, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

C. ASHTON
